**191. L-Onor Mario de Marco MP u l-Onor Jason Azzopardi MP jipproponi:**

Billi din il-Kamra:

TINNOTA li nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru 2014 filgħaxija seħħ delitt fil-Gżira li fih kien involut membru tal-Korp tal-Pulizija li jaħdem bħala xufier tal-fiducja ta', u *security* mal-Onor. Ministru Emanuel Mallia, li huwa l-Ministru responsabbli mill-Korp tal-Pulizija;

TINNOTA li fl-imsemmi delitt, ix-xufier u *security* tal-fiduċja tal-Onor. Ministru Emanuel Mallia għamel użu minn arma tan-nar meta allegatament spara mill-inqas żewġ tiri fid-direzzjoni ta' persuna oħra u li dwar dan il-fatt ġimgħa wara l-istess xufier u *security* tal-Ministru għall-Intern tressaq il-Qorti akkużat, fost oħrajn, b'tentattiv ta' omiċidju;

TINNOTA li fi stqarrija maħruġa minnufih wara li seħħ l-inċident, il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali li għalih hu responsabbli politikament l-Onor Emanuel Mallia, iddeskriva l-inċident bħala sempliċi *"Hit and run"* li matulu x-xufier u *security* tal-fiduċja tal-Ministru Emanuel Mallia *"spara żewġ tiri fl-arja bħala warning";*

TINNOTA li l-istqarrija maħruġa mill-Ministeru tal-Onor. Emanuel Mallia minnufih wara l-inċident ma kienet xejn għajr tentattiv ta' *cover up* permezz tal-gidba li welled l-istess Ministeru għall-Intern fuq każ daqstant gravi;

TINNOTA li kien biss bis-saħħa tal-mezzi tax-xandir li sar magħruf li t-tiri allegatament sparati mix-xufier u *security* tal-Onor. Emanuel Mallia ma kienux *"sparati fl-arja bħal warning"* iżda kienu sparati lejn il-persuna l-oħra bil-konsegwenza li l-vettura tal-persuna l-oħra ntlaqlet f'partijiet differenti mill-istess tiri, fejn allura kienet f'periklu ċar sija l-ħajja tas-sewwieq l-ieħor u sija l-ħajja ta' terzi li kienu għaddejjin mill-akkwati;

TINNOTA li taħt l-awtorità u fuq ammissjoni tal-Aġent Kummissarju tal-Pulizija, seħħew affarijiet li wasslu biex ix-xena tad-delitt ma tiġix ippreservata kif suppost skont il-liġi u li bħala konsegwenza t'hekk ġiet preġudikata l-inkjesta Maġisterjali u kull proċediment kriminali ieħor fil-Qrati;

TINNOTA wkoll li l-Pulizija, li l-Onor. Ministru Emanuel Mallia hu responsabbli għalihom, wara li seħħet l-isparatura, naqqsu milli josservaw l-iktar regoli bażiċi u elementari f'kull investigazzjoni kriminali, fosthom li jinġabru l-provi kollha li jkunu jistgħu jgħinu l-Qrati jamministraw il-ġustizzja skont il-liġi u b'hekk ukoll ippreġudikaw irrimedjabbilment il-proċeduri kriminali;

TINNOTA li minkejja s-sejħiet pubbliċi u ripetuti mill-Oppożizzjoni u mill-mezzi tax-xandir f'pajjiżna sabiex il-Prim Ministru jneħħi lill-Onor. Emanuel Mallia minn Ministru, il-Prim Ministru baqa' m'għamilx dak mistenni minnu filwaqt li l-Onor. Emanuel Mallia baqa' ma assuma l-ebda responsabbilità politika;

TIDDEPLORA l-aġir tal-Onor. Emanuel Mallia bħala Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali;

Għalhekk, din il-Kamra:

TIĊĊENSURA bis-saħħa l-aġir tal-Onor. Emanuel Mallia bħala Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali;

TIDDIKJARA l-isfiduċja tagħha fl-istess Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali; u

TITLOB lill-Prim Ministru biex minnufih jeżiġi r-riżenja tal-Onor. Emanuel Mallia minn Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u fin-nuqqas li dan iseħħ, ikeċċih minn Ministru.

27.11.14